

**Emenda 1**

**Guido Reil, Elena Lizzi, Dominique Bilde, Stefania Zambelli, France Jamet, Nicolaus Fest**

f'isem il-Grupp ID

**Rapport****A9-0331/2021****Gabriele Bischoff**

Id-demokrazija fil-post tax-xogħol: qafas Ewropew għad-drittijiet ta' parteċipazzjoni tal-impjegati u r-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Kunsill Ewropew tax-Xogħlijiet (2021/2005(INI))

**Mozzjoni għal rizzoluzzjoni (Artikolu 181(3) tar-Regoli ta' Proċedura) li tissostitwixxi l-mozzjoni għal rizzoluzzjoni mhux leġiżlattiva A9-0331/2021**

**Rizzoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar id-demokrazija fil-post tax-xogħol: qafas Ewropew għad-drittijiet ta' parteċipazzjoni tal-impjegati u r-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Kunsill Ewropew tax-Xogħlijiet**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew jew proċedura fl-impriżi fuq skala Komunitarja u fil-gruppi tal-impriżi fuq skala Komunitarja għall-għanijiet ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni tal-impjegati (tfassil mill-ġdid)<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tal-14 ta' Mejju 2018 dwar l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tad-Direttiva 2009/38/KE dwar l-istabbiliment ta' Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew jew proċedura fl-impriżi fuq skala Komunitarja u fil-gruppi tal-impriżi fuq skala Komunitarja għall-għanijiet ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni tal-impjegati (tfassil mill-ġdid) (COM(2018)0292),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea (COM(2020)0682),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-titjib tal-bilanċ bejn is-sessi fost diretturi mhux eżekuttivi ta' kumpaniji elenkati f'borża u miżuri relatati (COM(2012)0614),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019)0640),
- wara li kkunsidra l-briefing tal-Unità tal-Valur Miżjud Ewropew tiegħu fis-Servizz Ewropew ta' Riċerka Parlamentari ta' Jannar 2021 dwar il-Kunsilli Ewropej tax-

<sup>1</sup> ĠU L 122, 16.5.2009, p. 28.

Xogħlijiet (EWCs),

- wara li kkunsidra d-dokument informali mill-Awstrija, il-Bulgarija, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, in-Netherlands u l-Iżvezja, ippreżentat qabel is-Summit Soċjali ta' Porto ta' Mejju 2021,
  - wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma ta' Mejju 2016 taċ-Ċentru għar-Riċerka Soċjoloġika tal-Katholieke Universiteit Leuven bit-titolu "European Works Councils on the move: management perspectives on the development of a transnational institution for social dialogue" (Il-Kunsilli Ewropej tax-Xogħlijiet attivi: perspettivi ta' ġestjoni dwar l-iżvilupp ta' istituzzjoni transnazzjonali għad-djalogu soċjali),
  - wara li kkunsidra l-ittra konġunta ta' Better Finance, ecoDa, European Family Businesses, European Issuers, il-Federation of European Securities Exchanges, Invest Europe u SMEunited tat-3 ta' Mejju 2021 rigward il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva dwar governanza korporattiva sostenibbli,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni motivati u/jew il-kummenti, ippreżentati sa Jannar 2013, tal-Kamra tad-Deputati u s-Senat taċ-Ċekja, il-Folketing tad-Danimarka, is-Senat u l-Kamra tar-Rappreżentanti tan-Netherlands, il-Parlament tal-Estonja, is-Senat u l-Assemblea Nazzjonali ta' Franza, is-Sejm u s-Senat tal-Polonja, ir-Riksdag tal-Iżvezja, il-Kamra tad-Deputati tar-Rumanija u l-House of Commons u l-House of Lords tar-Renju Unit dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva dwar it-titjib tal-bilanċ bejn is-sessi fost diretturi mhux eżekuttivi ta' kumpaniji elenkati f'borża u miżuri relatati,
  - wara li kkunsidra t-tweġiba tal-federazzjonijiet tat-trade unions Daniżi, Iżlandiżi, Norveġiżi u Żvediżi tal-4 ta' Settembru 2020 dwar it-tieni fażi tal-konsultazzjoni tas-sħab soċjali skont l-Artikolu 154 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) dwar azzjoni possibbli li tindirizza l-isfidi relatati ma' pagi minimi ġusti,
  - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kunsill tas-Suq tax-Xogħol tal-Iżvezja għall-Affarijiet tal-UE tal-10 ta' Diċembru 2020 li tipprovdi analiżi legali tal-proposta għal direttiva dwar pagi minimi adegwati fl-UE,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-20 ta' Marzu 2013 dwar "L-involvement u l-parteċipazzjoni tal-impjegati bħala pedamenti essenzjali ta' governanza korporattiva tajba u approċċi bilanċjati biex tingħeleb il-kriżi"<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra l-istudju tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol ta' Frar 2010 bit-titolu "A comparative overview of terms and notions on employee participation" (Ħarsa ġenerali komparattiva tat-termini u n-nozzjonijiet ta' parteċipazzjoni tal-impjegati),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi d-demokrazija fil-post tax-xogħol għandha l-għan li ssaħħaħ ir-relazzjonijiet fost il-ħaddiema u r-relazzjoni bejn l-impjegati u min iħaddem, iżżid l-etika tax-xogħol u s-

---

<sup>2</sup> ĠU C 161, 6.6.2013, p. 35.

sodisfazzjon tax-xogħol tal-impjegati, tinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni fix-xogħol, trendi possibbli s-soluzzjoni aktar effettiva ta' problemi possibbli u twassal għal livell ogħla ta' impenn; billi diversi studji wrew li d-demokrazija fil-post tax-xogħol issaħħaħ il-produttività u għandha effetti pożittivi fuq il-lonġevità tal-impriżi;

- B. billi hemm opinjoni ġenerali madwar l-UE li d-demokrazija fil-post tax-xogħol u r-rappreżentanza tal-impjegati jikkontribwixxu għas-suċċess tal-kumpaniji f'ħafna setturi differenti, li jvarjaw minn industriji intensivi fil-kapital għas-settur tas-servizzi; billi l-evidenza tissuġġerixxi li l-involviment tal-impjegati għen lil ħafna kumpaniji jegħlbu proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet u tranżizzjonijiet ibsin; billi xi studji wrew li l-inklużjoni tal-impjegati fil-bordijiet tagħti perspettiva differenti u hija esperjenza pożittiva għall-kumpanija kollha kemm hi;
- C. billi l-vuċijiet tal-ħaddiema u ta' min iħaddem u d-demokrazija fil-post tax-xogħol huma, fost affarijiet oħra, espressi permezz tad-djalogu soċjali, il-parteċipazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema, in-negożjar kollettiv, ir-rappreżentanza tal-impjegati fil-bordijiet u r-rappreżentanza tas-saħħa u s-sikurezza;
- D. billi d-demokrazija fil-post tax-xogħol ibbażata fuq id-djalogu soċjali, in-negożjar kollettiv u l-parteċipazzjoni tal-impjegati hija karatteristika distintiva tal-governanza korporattiva fl-Istati Membri, meta mqabbla ma' reġjuni oħra tad-dinja, li jiddependu l-aktar mis-suq jew mill-istat;
- E. billi hemm varjetà kbira ta' mudelli ta' rappreżentanza u parteċipazzjoni tal-impjegati madwar l-UE; billi fl-Istati Membri kollha, l-impjegati huma rappreżentati fil-livell ta' kumpanija jew ta' stabbiliment; billi f'xi Stati Membri, din ir-rappreżentanza hija pprovduta mit-trade unions u f'pajjiżi oħra l-impjegati huma rappreżentati mill-kunsilli tax-xogħlijiet; billi l-importanza u r-responsabbiltajiet relattivi tat-trade unions u tal-kunsilli tax-xogħlijiet ivarjaw bejn l-Istati Membri; billi d-drittijiet ta' parteċipazzjoni, li jikkonsistu f'informazzjoni, konsultazzjoni u kodeterminazzjoni, huma wkoll strutturati b'mod differenti fl-Istati Membri; billi fl-Istati Membri fejn ma jeżistux drittijiet ta' kodeterminazzjoni infurzabbli, strumenti oħra jippermettu lill-ħaddiema jeżerċitaw influwenza, bħal strajks u politika ta' negożjar kollettiv; billi kemm il-livelli tad-densità tat-trade unions kif ukoll il-proporzjon ta' impjegati koperti minn negożjar kollettiv ivarjaw ħafna bejn l-Istati Membri; billi r-rappreżentanza fil-post tax-xogħol u r-rappreżentanza fil-livell tal-bordijiet ivarjaw ukoll minn Stat Membru għal ieħor;
- F. billi fir-rigward tal-governanza korporattiva sostenibbli, ħafna kodiċijiet nazzjonali ta' governanza korporattiva diġà jinkludu rakkomandazzjonijiet għall-kumpaniji biex isegwu u jintegraw perspettiva orjentata lejn il-partijiet ikkonċernati; billi s-sostenibbiltà diġà hija parti mid-dritt soċjetarju nazzjonali; billi ħafna kumpaniji diġà jagħmlu rappurtar dwar is-sostenibbiltà f'konformità ma' oqfsa u standards internazzjonali, nazzjonali u saħansitra reġjonali differenti;
- G. billi l-leġiżlazzjoni futura tal-UE taf trendi l-kumpaniji privati responsabbli għal kwalunkwe event ta' tfixkil fil-katina tal-provvista, anke eventi lil hinn mill-kontroll tagħhom;
- H. billi hemm inkwiet dejjem jikber fl-industrija Ewropea u nazzjonali u fost l-EWCs dwar l-implikazzjonijiet tal-Patt Ekoloġiku; billi l-federazzjoni Ewropea tat-trade unions

IndustriALL, li tirrappreżenta 50 miljun ħaddiem, tibża' li 11-il miljun impjieg fl-industriji estrattivi, awtomobilistiċi u f'industriji oħra intensivi fl-enerġija se jiġu affettwati direttament mill-Patt Ekoloġiku, u billi l-ħaddiema potenzjalment affettwati bħalissa m'għandhomx prospetti;

- I. billi l-EWCs huma korpi għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni dwar kwistjonijiet bħal xejriet fl-impjegi jew l-investment, l-introduzzjoni ta' metodi ġodda ta' ħidma, tnaqqis, għeluq u sensji kollettivi; billi n-negożjar ta' kwistjonijiet kollettivi permezz tal-EWCs ma kienx u mhuwiex previst fid-Direttiva riformulata dwar l-EWCs;
- J. billi l-għadd ta' EWCs attivi żdied b'mod sinifikanti matul is-snin, minn 62 fl-1994 għal 636 fl-1998; billi l-EWCs laħqu madwar 1 200 EWC u kunsill SE (kumpanija Ewropea) fl-2020, li jkopru aktar minn 17-il miljun impjegat; billi dan huwa madwar 50 % ta' għadd stmat ta' 2 400 kumpanija li jilhqgħu l-limitu minimu għall-istabbiliment ta' EWC jew kunsill SE;
- K. billi, skont il-Kummissjoni, ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-EWC tejbet il-kwalità u l-ambitu tal-informazzjoni għall-ħaddiema, iżda kienet inqas effettiva fir-rigward tal-konsultazzjoni; billi, fil-fehma tal-Kummissjoni, it-test attwali tad-direttiva, li jobbliga lill-Istati Membri jistabbilixxu sanzjonijiet "effettivi, proporzjonati u dissważivi" għall-ksur tar-rekwiżiti tagħha, huwa biżżejjed;
- L. billi l-Kummissjoni ħarġet proposta kontroversjali għal direttiva dwar pagi minimi adegwati;
  - 1. Jinnota li l-arranġamenti u l-leġiżlazzjoni li jirregolaw ir-relazzjonijiet tax-xogħol kollettivi u d-demokrazija fil-post tax-xogħol ivarjaw minn Stat Membru għal ieħor; jinnota li l-arranġamenti u l-leġiżlazzjoni differenti rigward il-parteċipazzjoni u r-rappreżentanza tal-impjegati fil-governanza tar-relazzjonijiet tax-xogħol daħlu fis-seħħ gradwalment u huma relatati mill-qrib mal-kultura u l-mentalità kollettiva; huwa tal-fehma li, minħabba d-diversità tal-mudelli nazzjonali, ikun ta' ħsara li tiġi imposta soluzzjoni "waħda tajba għal kulħadd" u li jinħoloq mudell Ewropew uniku għall-parteċipazzjoni, il-konsultazzjoni u r-rappreżentanza fil-livell tal-bordijiet tal-impjegati; jenfasizza li m'hemm ebda bażi legali li tippermetti l-iżvilupp ulterjuri tal-liġi kollettiva tax-xogħol fil-livell tal-UE;
  - 2. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jirfinaw u jtejbu l-governanza tar-relazzjonijiet tax-xogħol fir-rigward tal-awtonomija, ir-rappreżentanza, il-parteċipazzjoni u l-influwenza tal-impjegati f'konformità mas-sitwazzjonijiet nazzjonali speċifiċi tagħhom;
  - 3. Huwa inkwetat li l-Patt Ekoloġiku, il-Liġi Ewropea dwar il-Klima<sup>3</sup> u l-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %" <sup>4</sup> se jkomplu jdgħajfu l-kompetittività tal-industrija Ewropea u li dan se jpoġġi pressjoni addizzjonali fuq il-mudelli ta' rappreżentanza u parteċipazzjoni fi Stati Membri differenti;
  - 4. Jinnota li l-Istatut tal-UE għal Kumpanija Ewropea<sup>5</sup> jista' jippermetti lill-kumpaniji

<sup>3</sup> ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1.

<sup>4</sup> COM(2021)0550.

<sup>5</sup> ĠU L 294, 10.11.2001, p. 1.

jevitaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tar-rappreżentanza tal-impjegati fil-livell tal-bordijiet; iħeġġeġ lill-Istati Membri kkonċernati jadattaw il-leġiżlazzjoni tagħhom biex jikkontrobattu dan l-iżvilupp;

5. Jenfasizza li governanza korporattiva tajba hija essenzjali għall-kumpaniji biex jagħmlu profitt u jespandu u jgħolqu l-impjiegi; huwa inkwetat li r-regolamentazzjoni preskruttiva tal-istrutturi ta' governanza korporattiva tagħmel aktar ħsara milli ġid; huwa inkwetat li l-inizjattivi li jirregolaw is-sostenibbiltà jqiegħdu pressjoni fuq il-kumpaniji biex jikkonformaw mar-regoli u r-regolamenti askapitu tal-valur fit-tul; huwa tal-fehma li l-impożizzjoni ta' rekwiżiti tat-tip "wieħed tajjeb għal kulħadd" min-natura tagħha stess ma tqisx iċ-ċirkostanzi uniċi u d-diversità tal-kumpaniji;
6. Huwa tal-opinjoni li l-kodiċijiet nazzjonali eżistenti ta' governanza korporattiva jipprovdu lill-kumpaniji privati bi gwida utli dwar il-governanza, filwaqt li jippermettu lill-azzjonisti jieħdu deċiżjonijiet strateġiċi fundamentali; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jtejbu u jkomplu jiżviluppaw il-governanza korporattiva sostenibbli fil-qafas tal-kodiċijiet nazzjonali tagħhom;
7. Huwa tal-opinjoni li l-proposta għal direttiva dwar rapportar korporattiv sostenibbli<sup>6</sup> għandha kamp ta' applikazzjoni sproporzjonatament kbir u tintroduċi aspetti estensivi li l-kumpaniji jridu jirrapportaw dwarhom, inklużi standards obbligatorji; huwa inkwetat li l-proposta tintroduċi obbligi fuq il-kumpaniji biex jirrikonċiljaw interessi konfliġġenti, u li l-obbligazzjonijiet relatati ma' dawn l-obbligi jistgħu jgħolqu inċertezza legali bil-possibbiltà li jipparalizzaw il-funzjonament ta' kumpanija; jenfasizza li r-rekwiżiti ta' rapportar ta' din id-direttiva jpoġġu lill-kumpaniji Ewropej fi żvantaġġ globalment u jdgħajfu l-kompetittività tagħhom;
8. Huwa tal-opinjoni li direttiva dwar rekwiżiti vinkolanti ta' diliġenza dovuta jista' jkollha impatt negattiv fuq l-attivitajiet kummerċjali, ir-relazzjonijiet tal-ktajjen tal-provvista u l-kompetittività globali tal-kumpaniji tal-UE; huwa inkwetat li, b'mod partikolari, l-introduzzjoni ta' rekwiżiti vinkolanti ta' diliġenza dovuta tiġġenera aktar piżijiet amministrattivi u proċedurali, tippenalizza lil kumpaniji iżgħar bi ftit riżorsi, toħloq żvantaġġ kompetittiv għall-kumpaniji tal-UE fil-konfront tal-kontropartijiet tagħhom f'pajjiżi terzi u tagħmilhom responsabbli għad-danni barra mill-kontroll tagħhom;
9. Huwa tal-opinjoni li l-membri tal-bordijiet tal-kumpaniji għandhom jintgħażlu u jinħatru minħabba l-kompetenza professjonali tagħhom;
10. Huwa tal-fehma li mhux f'idejn l-UE li tirregola u tidetta kif il-kumpaniji jorganizzaw il-bordijiet tagħhom; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jadottaw u jimplimentaw mudell immexxi min-negożju għall-awtoregolamentazzjoni;
11. Jinnota li l-argument ewlieni tal-Kummissjoni għall-proposta tagħha għal direttiva dwar it-titjib tal-bilanċ bejn is-sessi fost diretturi mhux eżekuttivi ta' kumpaniji elenkati f'borża u miżuri relatati huwa li ż-żieda fir-rappreżentanza tan-nisa ttejjeb il-prestazzjoni finanzjarja korporattiva; jirrimarka li dan l-argument huwa sostnut minn evidenza insuffiċjenti; jinnota li l-Kummissjoni użat l-Artikolu 157 tat-TFUE minflok l-Artikolu 19 tat-TFUE bħala l-bażi ġuridika għall-proposta tagħha għal direttiva sabiex

---

<sup>6</sup> COM(2021)0189.

tevita l-unanimità meħtieġa mill-Kunsill;

12. Jirrimarka li t-tmexxija ta' EWC hija proċess ta' taġġim u li l-kooperazzjoni bejn min iħaddem u l-impjegati tjiebet matul is-snin fil-kumpaniji kkonċernati; jinnota li xi rapporti wrew li min iħaddem u l-impjegati sabu modi kif isolvu l-problemi u jegħlbu d-diffikultajiet operattivi fit-tmexxija tal-EWCs; jinnota li l-evidenza tissuġġerixxi li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva riformulata dwar l-EWC kienu fil-biċċa l-kbira mibnija fuq prattiki diġà eżistenti f'kumpaniji multinazzjonali;
13. Huwa tal-opinjoni li l-kwalità tal-informazzjoni u l-proċessi ta' konsultazzjoni hija relatata mill-qrib mal-fiduċja korporattiva u l-fiduċja reċiproka bejn min iħaddem u l-impjegati; jenfasizza li leġiżlazzjoni ġdida u standards ġodda jgħolqu inċertezza u pressjoni għal min iħaddem u għall-impjegati biex jibdlu EWCs li jiffunzjonaw tajjeb;
14. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza għaliex il-maniġment u l-impjegati f'xi kumpaniji li jissodisfaw il-limiti minimi tad-Direttiva riformulata dwar l-EWC għażlu li ma jwaqqfux EWC;
15. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex, fil-liġijiet nazzjonali tagħhom li jimplementaw id-Direttiva riformulata dwar l-EWC, jipprovdu sanzjonijiet li jkunu dissważivi u proporzjonati biżżejjed;
16. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jiżguraw li l-impjegati jkollhom paga li tippermettilhom jgħixu ħajja deċenti f'pajjiżhom; jemmen li l-pagi minimi jistgħu jżidu s-salarji fl-aktar livelli baxxi tad-distribuzzjoni tal-pagi, u b'hekk jiġi żgurat li l-ħaddiema jaqilgħu paga minima aċċettabbli għal xogħolhom; ifakkar, f'dan ir-rigward, li kwalunkwe deċiżjoni dwar l-istabbiliment ta' pagi minimi hija l-prerogattiva tal-Istati Membri; itenni li pagi kompetittivi jistgħu jinkisbu b'mod adegwat permezz tan-negozjar kollettiv;
17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

Or. en